

# Devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura fil-knisja arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi

**Mario Fenech**



L-ewwel ħjiel tal-Kult Ċinturant fil-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi nsibuh lejn is-sena 1723. F'dik is-sena kienet tqiegħdet xbieha tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Kappellun tal-Agunija.



Permezz ta' dan il-kwadru xxerrdet sew id-devozzjoni lejn il-Madonna b'dan it-titlu, tant li wara ftit taż-żmien twaqqfet il-fratellanza tal-Madonna bit-titlu taċ-Ċintura.



Fis-sena 1747 il-fratellanza bdiet tieħu ħsieb wieħed mill-artali tal-knisja li dak iż-żmien kien iddedikat lil Qaddisin San Pankrazju u San Isidoru, żewġ Qaddisin protetturi tal-bdiewa.

Il-fratelli ħadu ħsieb jagħmlu xogħol ta' kultura fil-ġebla Maltija biex żejnu l-prospettiva tal-artal. Ġie ordnat kwadru għal fuq l-artal mingħand l-Artist Francesco Zahra.

Fil-kwadru huwa pinġa l-Madonna bil-Bambin b'numru t'anġli żgħar, il-Qaddisin Santa Monica, Santu Wistin, San Nikola ta' Tolentino, San Pankrazju u San Isidoru. Dawn iż-żewġ qaddisin tal-aħħar ġew inklużi fil-kwadru biex jiġi mfakkar il-fatt li dan l-artal qabel kien iddedikat lilhom. Minħabba l-fatt li dawn iż-żewġ qaddisin kienu protetturi tal-bdiewa l-artist pinġa wkoll fil-kwadru anġlu qiegħed jaħrat l-għalqa b'moħriet miġbud minn żewġ barrin.

Dan il-kwadru dam fuq l-artal sas-sena 1871 meta l-knisja saru fiha tibdiliet kbar. Fost ix-xogħol li kien sar u li kien qajjem kritika u diżappunt kbir fost il-poplu ta' Ħal Qormi kien hemm dak tat-tneħħija tad-dekorazzjoni li kien hemm madwar il-kwadri tal-artali tal-ġnub. Ġew mibdula numru ta' kwadri fost dawn kien hemm il-kwadru ta' Zahra li b'xorti tajba għadu miżmum fil-mużew tal-istess knisja.



Il-kwadru li ħadlu postu sar mill-Artist Ġużeppi Duca u tqiegħed fil-post nhar il-21 ta' Jannar 1871. Dan kien l-ewwel kwadru li lesta l-artist għal din il-knisja.

Il-fratellanza minn dejjem ħadmet biex ikollha statwa tal-Madonna biex tkun tista' tagħmel festa xierqa biha, għaldaqstant meta l-fratelli semgħu li kienet waslet statwa tal-Madonna minn Ruma għal parroċċa taż-Żurrieq, u li kien hemm xi nuqqas ta' qbil dwarha, huma xtraw din l-istatwa mingħand il-benefattur tagħha.

Meta waslet fir-raħal l-istatwarju Ġużeppi Cilia li kien minn Ħal Qormi, għamel xi tibdil fiha. Huwa għolla l-istatwa tal-Madonna fuq sħaba li magħha poġġa tliet anġli żgħar.

Il-fratellanza taċ-Ċintura f'din il-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi bħal fratellanzi l-oħrajn li hemm f'din il-knisja, għadha għaddejja bil-ħidma tagħha b'mod kontinwu bis-sehem tagħha fil-festi li jsiru. Tagħmel ukoll il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura bil-funzjonijiet fil-knisja kif ukoll bil-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.